**11 ta' April, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Gladys Hockey et.

*versus*

Michael Marshall

**Senserija — Transazzjoni.**

*Huwa veru li skond il-ġur'sprudenza, fil-każijiet kongruwi, lill-medjatur, għalkemm ma jkunx dovut dritt ta' medjazzjoni, jista' jkun però dovut kumpens bħala mandatarju retribwibbli, ossija lokatur d'opera, għas-servigi reżi; imma dan ma jiġrix f'kull każ ta' konklużjoni fallita, imma b'ss meta l-għoti ta' dan il-kumpens ikun ġustifikat miċ-ċirkustanzi;*

*per eżempju, meta l-partijiet ikunu, bla ħtija tas-sensal, irreċedew il-ftehim.*

*Jekk talvolta offerta, magħmula in linea ta' transazzjoni, tista' tkun indizju konfermatorju tad-dritt reklamat, meta d-dritt hekk konfermat ikun "aliunde" aċċertat, minn naħa l-oħra ma tistax offerta simili, li titqies dejjem magħmula mingħajr preġudizzju, toħloq dritt fejn dan id-dritt ma hemmx.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha fuq il-punt tal-appellabbilità tal-14 ta' Frar 1959, li fiha hemm is-solitu rijassunt tal-istanza u tal-kontestazzjoni u r-rijepilogu tal-ewwel istanza;

Trattat l-appell fil-meritu;

Irriflettiet;

Ma hemmx kuntrast li lill-atturi ma hix dovuta "senserija", għaliex huma lanqas jippretendu li per mezz tal-attriċi Gladys Hockey ġiet konkjuża l-lokazzjoni "de qua"; u hu risaput li l-prossenetiku, in tema ta' medjazzjoni, hu biss dovut meta l-affari trattat ikun konkjuż;

Lanqas jidher li l-atturi jippretendu — u kieku stess kienu qegħdin hekk jippretendu, lanqas ma ppruvaw — li l-affari minnhom mibdi ġie konkjuż, fuq l-istess bażi, minn medjatur ieħor, u għalhekk jistħoqqilhom nofs il-medjazzjoni (art. 98 Kap. 17 Ediz. Riv.);

L-atturi qegħdin jippretendu kumpens "ad instar laboris";

Issa, hu veru li skond il-ġurisprudenza, fil-każijiet kongruwi, lill-medjatur, għalkemm ma jkunx dovut dritt ta' medjazzjoni, jista' jkun però dovut kumpens bħala mandatarju retribwibbli, ossija lokatur d'opera, għas-serviġi reżi; imma dan ma jiġrix f'kull każ ta' konklużjoni fallita, imma biss meta l-għoti ta' dan il-kumpens ikun ġustifikat miċ-ċirkustanzi; per eżempju, meta l-partijiet ikunu, bla ħtija tas-sensal, irreċedew il-ftehim. Issa, f'dan il-każ hemm ċirkustanza li teskludi dan il-kumpens. Infatti, l-attriċi

ιtess fix-xhieda tagħha qalet frankament li s-sustanza tal-ftehim mal-konvenut kienet fis-sens li, jekk issiblu post, allura titħallas, jekk ma ssiblux ma titħallasx. Issa fil-fatt, "ex admissis", ma sabitlux; u għalhekk ebda kumpens ma jista' jiġi lilha akkordat għall-fatt li kienet urietu xi pos-tijiet u għal taħbit ieħor relattiv;

L-istess attriċi aġġungiet li hi xejn ma kienet tippre-tendi kieku l-konvenut ma daħaqx biha u qalagħha l-barra. Apparti li dan l-ingann ma ġiex assodat, jibqa' dejjem li, ankorkè kien hekk, dan kien jista' jġib għal żewġ konseg-wenzi biss, ċjoè jew applikazzjoni tal-art. 98 fuq ċitat, fil-każ li l-operazzjoni mibdija mill-attriċi ġiet konkjuża minn ħaddieħor, jew għall-ħlas ta' ndennizz skond id-dritt ko-muni, jekk sar abbuż mill-opera tal-attriċi (Kollez. XXV-II-598, 602); iżda ma jirriżultax la li kien hemm fatti li jinkwadraw ruħhom fl-ipotesi tal-art. 98, u lanqás li sar dan l-abbuż;

Ġie sottomess ukoll mill-parti tal-appellati l-argument li l-appellant aċċetta r-responsabbilità tiegħu billi offra xi somma żgħira lill-attriċi; iżda, jekk talvolta offerta in linea ta' transazzjoni tista' tkun indizju konfermatorju, meta d-dritt hekk konfermat ikun "aliunde" aċċertat, minn naħa l-oħra ma tistax offerta simili, li titqies dejjem magħ-mula mingħajr preġudizzju, toħloq dritt fejn dan id-dritt ma hemmx. Diversament, jiġu reżi diffiċli, jekk mhux anki mpossibbli, it-tentattivi ta' transazzjoni, li huma tant bene-fiċi bħala arġini għall-litigazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-konvenut, tirrevoka fil-meritu s-sentenza appellata, u tiċħad it-talba tal-atturi; bl-ispejjeż kontra tagħhom, tant tal-ewwel kemm tat-tieni istanza, ħlief dawk ġa pprovduti fis-sentenza tal-14 ta' Frar 1959.